

*Waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa fil-Knisja tas-Sorijiet Franġiskani*

# Jiċċelebraw il-festa tal-Patruna

Is-Sorijiet Franġiskani ċċelebraw il-festa tal-Patruna tal-Knisja tal-Casa Madre, kif ukoll tal-Provinċja Maltija, is-Sultana tal-Qalb ta' Ġesù.

L-Eċċelenza Tiegħu, Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, iċċelebra quddiesa fil-Knisja tas-Sorijiet fi triq Palma, ir-Rabat, Għawdex, flimkien ma' Mons Carmelo Scicluna u l-Kanonku Ġwann Mercieca.

Il-Knisja kienet imżejna mill-isbaħ għal din l-okkażjoni bl-istatwa titulari tal-Madonna Sultana tal-Qalb ta' Ġesù, fuq l-altar maġġur, kienet qisha qed tbierek il-pubbliku preżenti, fosthom numru sabiħ ta' sorijiet, tfajliet u lajċi oħra li jiffrekwentaw din il-Knisja żgħira imma ħelwa.

Billi l-Knisja Universali kienet qed tfakkar il-Jum Dinji tal-Vokazzjonijiet, kien xieraq li l-Isqof jgħaqqad dawn iż-żewġ okkażjonijiet flimkien. Fl-omelija, l-Isqof saħaq fuq l-importanza li wieħed jersaq lejn Marija biex tagħtih l-qawwa meħtieġa biex jgħix l-vokazzjoni tiegħu bil-fedeltà, u b'hekk ikun xhieda ħajja fid-dinja



*Mons. Isqof Mario Grech flimkien mal-Komunità tas-Sorijiet Franġiskani, hekk kif spiċċat il-funzjoni fil-Knisja*



*Il-Banda Ċittadina Leone fuq it-taraġ tal-Knisja Katidrali hekk kif San Ġwann Bosco kien wasal biex jidħol fil-Katidral*

# San Ġwann Bosco jdur il-Parroċċi

Fl-okkażjoni tal-75 sena mill-ftuħ tal-ewwel Oratorju f'Għawdex u tal-Kanonizazzjoni ta' San Ġwann Bosco, l-istatwa tal-qaddis qed iddur il-parroċċi kollha t'Għawdex. Fil-bidu tal-ewwel żjara l-istatwa tal-qaddis inġarret mill-Oratorju Don Bosco sal-Knisja Katidrali akkumpanjata mill-Banda Ċittadina Leone.

Aktar tard, l-Arċipriet tal-Katidral Mons. Ġużeppi Attard, mexxa Quddiesa fil-Knisja Katidrali waqt li d-Direttur tal-Oratorju Dun Effie Masini għamel diskors kommemorattiv.

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





*Il-Kor tas-Sorijiet immexxi minn Sr Cecilia Vella (xellug) u Sr Frangesca Abela fuq l-orgni*



*Waqt iċ-ċerimonja tat-tberik tal-kampnar u l-qanpiena tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja*

# Isir it-tberik tal-kampnar u l-qanpiena

Nhar il-festa tal-Ħniena Divina, saret iċ-ċerimonja tat-tberik tal-kampnar u l-qanpiena tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja fir-Rabat, Għawdex.

Kemm il-kampnar li kellu jinħatt u jinbena mill-ġdid kif ukoll il-qanpiena li kellha ħsarat kbar ma setgħux jintużaw biex jaqdu il-funzjonijiet tagħhom qabel ma kienu restawrati mill-ġdid minħabba l-periklu li setgħu jiġġarrfu.

Iċ-ċerimonja tat-tberik tmexxiet mill-Gwardjan Patri Karm Dimech fil-preżenza tal-abbatini tal-kunvent u xi membri tal-komunità lokali. Ta' min jgħid li din iċ-ċerimonja kellha ssir f'Ħadd il-Għid, imma dak inhar it-temp ikrah ma ppermettiex li dan isir. Għalhekk, din iċ-ċerimonja kellha titħalla għal data oħra.

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott -** *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**

**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***